MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali – REĠJUN NOFSINHAR

**Laqgħa Numru 47 – 3 Kumitat**

**Il-Ħamis 08 ta' April, 2021**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' b'mod virtwali fil-5.30 pm.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Deputat President/Sindku Qrendi | Is-Sur David Michael Schembri |
| Sindku Żurrieq | Is-Sa Rita Grima |
| Kunsilliera Ħal Luqa | Is-Sa Maria Magri |
| Sindku Ħal Safi | Is-Sur Johan Mula |
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |
| Viċi Sindku Siġġiewi | Is-Sa Rodianne Haber |
| Sindku Mqabba | Is-Sur Omar Farrugia |
| Sindku Ħal Kirkop | Is-Sur Terence Agius |

| | |
|---|---|
| Sindku Santa Luċija | Is-Sa Charmaine St John |
| Viċi Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |

ASSENTI

| | |
|---|---|
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Josef Masini Vento |
| Sindku Ħaż-Żebbuġ | Dr Malcolm Paul Agius Galea |
| Sindku Gudja | Dr Marija Sara Vella |

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 47.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

47.1.1 Il-President informa li rċieva ittra ta' apoloġija mis-Sindku tal-Ħamrun fejn ta r-raġuni għalfejn ma setax jattendi.

47.1.1 Il-Membri preżenti aċċettaw l-apoloġija b'mod unanimu.

## 47.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

47.2.1 Il-President ressaq il-minuti tas-sitta u erbgħin (46) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

47.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur Johan Mula u ssekondata mis-Sa Rita Grima, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-minuti msemmija.

## 47.3 Komunikazzjoni mill-President;

**- Laqgħa mas-Sindki l-ġodda**

47.3.1 Il-President irrimarka li fi żmien sitt xhur oħra se nkunu qed naraw bidla fil-Membri tal-Kunsill Reġjonali permezz tar-riforma fir-Reġjuni. Għalhekk hemm bżonn li fil-ġimgħat li ġejjin tissejjaħ laqgħa ma' dawk is-Sindki l-ġodda li se jkunu qed jingħaqdu mar-Reġjun tan-Nofsinhar biex jiġi spjegat il-Pjan ta' Ħidma u l-istrateġiji li qed jaħdem fuqhom il-Kunsill Reġjonali. Din l-inizjattiva tkun qed tgħin biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni u l-ħidma tkun tista' tibqa' għaddejja mingħajr interruzzjonijiet ġaladarba jiġi ffurmat il-Kunsill Reġjonali l-ġdid.

**- Uffiċjali Professjonali mal-Kunsill Reġjonali**

47.3.2 Il-President irrefera għall-uffiċjali professjonali li se jkunu qed jiġu impjegati mal-Kunsill Reġjonali u qal li saru laqgħat dwar dan mad-Diretturi fi ħdan id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. Madanakollu, il-President wera d-diżappunt tiegħu għall-fatt li din l-inizjattiva waqgħet lura. Ninsabu fir-raba' xahar tas-sena u qegħdin tard fl-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva. Hu qal li biex jiġu impjegati ħaddiema ġodda hemm proċess kumpless li jieħu ż-żmien.

**- Rimbors mill-iskemi ta' fondi mill-Kunsill Reġjonali**

47.3.3 Il-President fakkar lill-Membri preżenti biex jibdew jimplimentaw u jagħlqu l-proġetti mill-iskemi ta' fondi tal-Kunsill Reġjonali li għalihom għandhom il-fondi pendenti. Importanti li sa Settembru jkunu ntbagħtu l-provi tal-ħlas u t-talbiet għar-rimbors.

**- Estensjoni tal-Community Work Scheme permezz tal-Kunsill Reġjonali**

47.3.4 Il-President ħabbar li għadha kif intbagħtet ċirkolari mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fejn tinforma li se tkun qed tiġi estiża l-iskema tal-Community Work Scheme. Il-Kunsill Reġjonali se jkun jista' jifforma pool ta' mhux aktar minn tmintax-il persuna sabiex jiġu assenjati mal-Kunsilli lokali biex jagħmlu xogħol ta' tindif u manutenzjoni. Għaldaqstant, il-President talab lill-Membri biex jekk huma interessati li jkollhom ħaddiema assenjati magħhom permezz ta' din l-iskema, iressqu t-talba tagħhom lill-amministrazzjoni tal-Kunsill Reġjonali. Sabiex ikun hemm tqassim ġust għal-lokalitajiet kollha, il-President

issuġġerixxa li kull Kunsill Lokali jista' jitlob sa żewġ ħaddiema. It-talba trid tasal fl-iqsar żmien possibbli għax fis-16 ta' April 2021 il-Kunsill Reġjonali jrid jinforma lid-Diviżjoni bid-deċiżjoni tiegħu.

**- Fondi għall-proġetti fil-komunità mill-Aġenzija LESA**

47.3.5 Il-President irrefera għal din l-iskema ta' fondi mill-Aġenzija LESA li għaliha huma eliġibbli l-Kunsilli Reġjonali u dawk Lokali. Hu ssuġġerixxa li l-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar jissottometti applikazzjoni għal din l-iskema ta' fondi għal għajnuna finanzjarja biex jiġu installati panelli solari fuq il-bejt tal-uffiċċju amministrattiv u tat-Tribunal Lokali, kif ukoll li jiġu installati green wall u roof garden meta ssir l-estensjoni tal-uffiċċju amministrattiv.

47.3.6 Il-Membri preżenti unanimament qablu mal-proposta tal-President.

**- Laqgħa Ġenerali Annwali**

47.3.7 Il-President qal li fid-dawl tas-sitwazzjoni li ninsabu għaddejjin minnha minħabba l-pandemija fejn attivitajiet bħal dawn mhumiex permessi, aħjar tiġi estiża d-data tal-Laqgħa Ġenerali Annwali. Hu ssuġġerixxa li nistennew sal-aħħar ta' April biex naraw jekk l-Awtoritajiet tas-Saħħa hux se jibdew jippermettu attivitajiet simili. F'dak il-każ, il-Laqgħa Ġenerali Annwali ssir f'Mejju. Jekk attivitajiet bħal dawn mhux se jkunu permessi ma jibqa' l-ebda għażla oħra ħlief dik li l-Laqgħa Ġenerali Annwali tiġi streamed online.

47.3.8 Il-Membri preżenti unanimament qablu mas-suġġeriment tal-President.

**- Kummenti**

47.3.9 Fil-ħin allokat għall-kummenti, is-Sur Johan Mula rrefera għall-iskema tal-Community Work Scheme u qal li d-diffikultà li jara f'din l-iskema hi li l-Kunsilli Lokali ma jkunux jafu x'ħiliet għandhom dawn il-ħaddiema li se jiġu assenjati. Jista' jkun li dawn il-ħaddiema jkollhom ħiliet differenti minn dawk li jkollu bżonn il-Kunsill Lokali.

47.3.10 Is-Sur David Michael Schembri qal li jeħtieġ li jkun hemm aktar sens ta' direzzjoni meta jinħarġu skemi bħal dawn għax ħafna Kunsilli Lokali jkunu ħarġu tenders għal dawn is-

servizzi biex isiru minn kuntratturi. Hu żied jgħid li anke fil-każ tal-contract managers tal-Kunsilli Lokali hemm bżonn li jkun hemm uniformità fil-kuntratti u l-kundizzjonijiet tagħhom. Is-Sur Schembri semma' wkoll kif il-Kunsilli Lokali li se jkunu qed jiffurmaw ir-Reġjun tal-Punent qed jitħallew fil-għama dwar l-istadju li jinsab fih ir-reġjun tagħhom.

47.3.11 Il-President qal li hu jifhem il-preokkupazzjoni u l-isfidi li jiffaċċjaw kontinwament is-Sindki għax kien fiż-żarbun tagħhom meta kien iservi fil-kariga ta' Sindku. Għalhekk jipprova jiffaċilita l-ħidma tagħhom, meta jkun possibbli. Hu xtaq jissuġġerixxi li l-ħaddiema tal-Community Work Scheme li jiġu assenjati lill-Kunsill Reġjonali ma jintbagħtux jaħdmu fil-lokalità fejn jgħixu biex jiġu evitati konflitti bla bżonn.

47.3.12 Il-Membri qablu mas-suġġeriment tal-President.

47.3.13 Is-Sur Johan Mula informa lill-Membri li fid-dawl li s-sejħa pubblika għall-ġbir tal-iskart se tkun qed tinħareġ mill-Kunsill Reġjonali, jekk hemm xi Kunsilli Lokali li għandhom il-kuntratt tagħhom se jagħlaq jistgħu jiktbu lid-Dipartiment u jagħtihom konċessjoni biex ikunu jistgħu jġedduh b'sena.

## 47.4 Skeda ta' Pagamenti;

47.4.1 Il-President ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 04/21A-1 u 04/21B-1 li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

47.4.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur Omar Farrugia u ssekondata mis-Sur Scott Camilleri, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskedi ta' pagamenti msemmija.

## 47.5 Applikazzjoni għal Devoluzzjoni ta' Proprjetà;

47.5.1 Il-President ħabbar li ġie identifikat sit li jmiss mal-parti ta' wara tal-bini amministrattiv u għandu entratura mit-triq ta' wara. Din hi proprjetà tal-Gvern u ma tintużax. Hu ippropona li tiġi sottomessa applikazzjoni mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar mal-Awtorità tal-Artijiet għad-devoluzzjoni ta' dan is-sit biex jintuża bħala Tribunal Lokali, post għaż-żamma tad-dokumenti tat-Tribunal u uffiċċju tat-Tribunal. Dan ikun pass importanti jekk jittieħed għax id-dħul għat-Tribunal ikun mit-triq ta' wara u waqt is-seduti ma tkunx qed tiġi mxekkla l-ħidma tal-Kunsill Reġjonali. Ġaladarba jiżdied l-istaff amministrattiv permezz tal-uffiċjali professjonali, il-ħidma tal-Kunsill Reġjonali se tkun qed tieħu firxa aktar wiesgħa u intensa filwaqt li tkun tirrikjedi l-spazju tagħha biex tkun tista' taħdem b'mod effettiv. Il-President ħabbar ukoll li l-kamra li hemm bħala parti mill-binja fis-sular t'isfel li għamlet żmien isservi bħala uffiċċju ta' nutar ġiet identifikata bħala proprjetà tal-Gvern u jidher li mhix qed tintuża. Hu prropona li l-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar jissottometti applikazzjoni mal-Awtorità tal-Artijiet biex din tintuża bħala reception tal-uffiċċju amministrattiv. Hu sejjaħ għall-approvazzjoni tal-Membri biex l-amministrazzjoni tkun tista' tipproċedi bl-applikazzjonijiet neċessarji.

47.5.2 Il-Membri preżenti lkoll qablu li dan ikun pass importanti għall-Kunsill Reġjonali u approvaw il-proposta tal-President.

## 47.6 Affarijiet Oħra;

**- Sejħa pubblika għal xiri ta' vann ġdid għas-sezzjoni tal-manutenzjoni**

47.6.1 Il-President qal bħalissa għadhom qed jintlaqgħu l-offerti fuq is-sistema elettronika tat-tenders għax-xiri ta' vann ġdid. Is-sejħa għall-offerti tagħlaq nhar it-Tnejn li ġej 12 ta' April 2021. Dakinhar isir il-ftuħ tal-offerti u tkun tista' tibda l-evalwazzjoni mill-bord appuntat.

**- Progressjoni**

47.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv semma' li f'Mejju, hu u l-Assistent Prinċipal fit-tim amministrattiv ikun imisshom jitilgħu notch fis-salarju tagħhom skont il-ftehim kollettiv. Hu talab l-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

47.6.3 Il-Membri preżenti unanimament approvaw it-talba tas-Segretarju Eżekuttiv.

**- Skema Libreriji 2021**

47.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq proposti b'inizjattivi mill-Kunsilli Lokali tas-Siġġiewi, iż-Żurrieq, Ħal Qormi, Ħal Safi u l-Gudja għal għajnuna finanzjarja permezz tal-iskema ta' fondi mnedija mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar għal-libreriji.

47.6.5 Il-Membri preżenti unanimament approvaw il-proposti kollha li ġew imressqa.

**- Proposta mill-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija**

47.6.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq talba u proposta mill-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija fejn talab approvazzjoni mill-Membri biex il-fondi ta' ħamest elef ewro allokati mill-Kunsill Reġjonali għal Slow Streets u Planning Development Fund ikun jista' jutilizzahom biex jinbidlu d-dwal fi Pjazza Dorell. Mal-proposta ġiet annessa stima tax-xogħlijiet.

47.6.7 Il-Membri preżenti unanimament approvaw it-talba u l-proposta tal-Kunsill lokali ta' Santa Luċija.

**47.7** **Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;**

47.7.1 Il-laqgħa ntemmet fis-18.47 pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 06 ta' Mejju 2021 fil-5.30 pm.

Konfermati llum 06-05-2021.

Jesmond Aquilina

President

Philip Carabott

Segretarju Eżekuttiv

DULCIE GAUCI

DEP. SEGRETARJU EŻEKUTTIV.